MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## MARIA KARLSSON

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 379/2008

**Go Plc (C22334)**

**vs**

**Mary Hassanein**
**(ID 14751 M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghal hlas ta’ tlett mija, tlieta u disghin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€393.52), rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess socjeta’ konvenuta lil Go Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgibu n-numru 2134232 u 21324628 skond diversi kontijiet mibghuta lilu u skond id-dokumenti annessi.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta` l-avviz kontra l-konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi l-konvenuta naqset li tidher anki ghas-seduta ta` llum.

Illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta tal-11 ta' Lulju, 2008, mill-PL Noel Scerri.

It-Tribunal jidhirlu illi l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------